# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' April 2001

Citazzjoni numru 1253/99 AJM

Kawza numru 42

Paul Mifsud

Vs

Andre Baldacchino

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-31 ta' Mejju 1999 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li fis-27 ta' Dicembru 1997 waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru AAI 079 fil-Gudja By Pass sejjer fid-direzzjoni ta' Hal Tarxien, imhabba tarskuragini, imprudenza u nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti tat-traffiku huwa habat mal-vettura numru EAX 402 proprjeta' ta' l-attur li dak il-hin kienet tinsaq minnu u li kienet sejra fid-direzzjoni ta'l-Airport Terminal; illi bhala rizultat ta' dan l-incident li ghalieh kien unikament responsabbli l-konvenut, il-vettura numru EAX 402 garbet hsarat konsiderevoli; illi l-attur hallas ghat-tiswija tal-vettura tieghu s-somma ta' LM1387.91' oltre dan l-ammont l-attur hallas ukoll ghal kiri ta' vettura ohra waqt iz-zmien tat-tiswija' liema kont gie

jammonta ghas-somma ta' LM125.00' hallas ukoll ghall-RAR l-ammont ta' LM3.00, u bhala spejjes legali hallas is-socmma ta' LM14.00.B'kollox l-attur hallas is-somma ta' LM1,529.91; illi l-konvenut interpellat biex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-incident, u dana permezz ta' ittra ufficjali, baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni kollha risultanti lill-attur bhala konsegwenza;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' elf hame smija disgha u ghoxrin lira maltin wiehed u disghin centezimu (LM1,529.91) jew somma verjuri okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dawk id-danni li jigu hekk likwidati kif intqal flimkien ma' l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta'din ic-citazzjoni.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 11 ta' Mejju 1998 kontra l-konvenut u ta' ittra ufficjali ohra presentata kontestwalment ma din ic-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fl-24 ta' Settembru 1999 li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dana minhabba li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragini, negligenza, imperizja u non osservanza

tar-regolamenti tat-traffiku da parit ta' l-attur illi kien qed isuq il-vettura tieghu kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq, b'mod illi nvada kompletament il-karreggata fejn kien qed isuq l-eccipjenti u kkawza l-incident de quo.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-3 ta' Dicembru 1999 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tas-17 ta' Marzu 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u rat il-verbal ta' l-udjenza tas-26 ta' Frar 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-incident mert ta' din il-kawza sehh fis-27 ta' Dicembru 1997 gewwa Gudja By Pass ghal habta tad-9.00 p.m. Il-vettura involuti kienu Ford Escort numru EAX 402 misjuqa mill-attur fid-direzzjoni ta' Hal Luqa u l-vettura Volkswagen Beatle numru AAI 079 misjuqa mill-konvenut fid-direzzjoni opposta. L-incident gara f'parti dritta tal-By Pass ghalkemm il-konvenut kien ghadu kemm hiereg minn gewwa kurva fuq ix-xellug tieghu. Il-hsarat fil-vetturi kienu fuq il-gemb tal-lemin mil-mudguard ta' quddiem sar-rota ta' wara fil-vettura ta'l-attur u fil-mudguard tal-lemin ta' quddiem fil-vettura tal-konvenut.

Li skizz ta' l-incident li juri l-vetturi kif waqfu wara l-impatt, jindika li dawn waqfu wiehed u tlettin metru il-boghod minn xulxin u filwaqt li dik ta' l-attur tidher wieqfa fuq in-nahha it-tajba taghha tat-triq, dik tal-konvenut tidher "on the crown of the road" b'mod li issorpassat il-linja medjana b'nofs il-wisa' taghha.

Iz-zewg sewwieqa jistqarru li qatt ma raw il-vettura l-ohra gejja hlief immedjatament mal-impatt. Dan huwa verosimili minhabba il-kurva li hemm fit-triq. L-attur ghalhekk jghid li f'daqqa ra dawl ta' karozza u hass daqqa fuq il-bieba tieghu, mentri l-konvenut jghid li ipprova jevita hofra f'nofs il-karreggata, gibed lejn ix-xellug u gie milqut mil-vettura ta' l-attur.

Din il-verzjoni tal-partijiet hija riflessa f'dak li insibu fl-okkorrenza tal-incident u dan apparti dettalji ta' speed fejn iz-zewg sewwieqa jghidu li kienu mixjin bi speed moderat cirka 40 – 50 k.f.s. u referenza ghall-vetturi ohra fit-triq qabel l-incident.

Il-konvenut qed isostni fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu li l-incident gara taort ta' l-attur billi dan kien kompletament "wrong side" meta grat il-habta. Din il-verzjoni, apparti li mhux ripetuta waqt ix-xhieda tal-konvenut, mhux sorretta mir-rizultanzi sew ta' kif spiccaw il-vetturi wara l-habta, kif ukoll ta' fejn gew ikkagunati l-hsarat. Infatti l-konvenut xhed li huwa gibed il-gewwa, qabel l-impatt, biex jevita hofra f'nofs il-karreggata, jekk huwa ghamel hekk kif allura spicca b'nofs il-wisa' tieghu fuq in-naha l-hazina tat-triq. Dan jista' jfisser biss li qabel ma gibed lejn ix-xellug il-vettura tal-konvenut kienet aktar "wrong side" minn kif spiccat. Inoltre l-hsara fil-vetturi u cioe il-gemb tal-lemin tal-vettura ta' l-attur u l-kantuniera tal-lemin tal-vettura tal-konvenut

huwa indikattiv ta'impatt bejn vettura li kienet hierga minn fuq is-side taghha (dik tal-konvenut) ma vettura mixja fuq in-naha taghha tat-triq (dik ta' l-attur).

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti hija tal-fehma li l-incident inkwistjoni gara unikament tort u htija tal-konvenut li jew biex jaghmel sorpass jew biex jevita l-hofra fil-karreggata, mar kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq u b'hekk invada l-karreggata tal-attur u meta din il-manuvra saret f'kurva fejn il-vizwali hija limitata.

Dwar danni sofferti mill-attur dan xhed li l-vettura tieghu giet "surveyed" wara l-habta ghand it-tellar fejn kienet ser tissewwa. Huwa ippresenta zewg dokumenti a fol 8 u 9 tal-process li jkopru li spiza tal-'labour' u tal-'parts' fl-ammont komplessiv ta' LM1,387.91. Dan l-ammont jaqbel sostanzjalment mas-survey u stima tax-xoghol li saret mil-assikurazzjoni tal-konvenut li turi figura ta' LM1,350. Dan l-ammont ghalhekk qed jigi accettat. L-attur qieghed ukoll jitlob rimbors ta' spejjes ta' kiri ta' karozza fl-ammont ta' LM125. Dan ma giex kkontestat mill-kontro parti u billi jidher ragionevoli qed jigi wkoll accettat. L-ispejjes tar-Road Accident Report fl-ammont ta' LM3 huma ukoll accettabbli billi din hija spiza necessarja sabiex wiehed jkun jista' jottjeni konsult dwar responsabblita'. Li spejjes legali fl-ammont ta' LM14 izda jifformaw parti mill-ispejjes tal-kawza u ghalhekk mhux ser jigu inkluzi hlief fil-parti disposittiva dwar il-kap tal-ispejjes.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni minnu rizultanti, tillikwida d-danni fl-ammont ta' elf hames mija u hmistax-l lira maltin

wiehed u disghin centezimu (LM1515.91) u konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri